**Għażiż San Leopoldu**

Illum, f'jum il-festa tiegħek
Waqt li qiegħed bilqiegħda ħdejk,
Leopoldu, għażiż ħija,
Ħa nkellmek għajnejja f'għajnejk.

Kemm narak tiġri fis-swali
Tagħmel il-ġid tfarraġ lin-nies,
Int għaqli tħaddem kariżma
Tħobb lil Kristu b'imħabba bla qjies.

Min hu Sidu l-Mulej jorbot
Juża b'qawwa lil min irid,
Hemm ħi ħajtek kapuċċina
Tqarar, taħfer, għalkemm marid.

Narak taħdem mal-miġemgħa
Ta' qaddisin jaqbżu l-mijiet,
B'dik iċ-ċoqqa ħelwa tiegħek
Ma tieqaf qatt tagħti l-barkiet.

Mhux ta' b'xejn O Leopoldu
Li l-pazjenti kemm jistennuk,
U int bil-kuruna mħażżen
Li tgħidilhom kliem li ferm jhennuk.

Għax int hekk ħelu b'tant ħrara
Bla storbju tikkonvinċi l-qlub,
Fil-frattarija int tiskot
Tħalli l-Ispirtu jerfa' l-fuq.

Ir-riżultati waħedhom
Jitħaddtu lil hemm mid-dinja,
Għax ma' kull ruħ li tintrebaħ
X'festa ssir fis-sema ħienja.

Ta' għaqli li int qed titlob
Biex ħutek jimxu fi triqtek,
Hawn jien ċkejken, wieħed minnhom
Hawn fiċ-Ċentru ninsab b'riħtek.

Ngħidlek grazzi ta' kemm tħobbni
Kemm tfarraġni matul l-uġiegħ,
Kemm tiftaħli orizzonti
Għax tassew int taf tħobb mill-qiegħ.

'Il bogħod mill-qried w teoriji
L-arma tiegħek hi l-fedeltà,

Kemm tgħallimni biex mal-morda
Nibqa' naħdem b'serenità.

Int timlieli qalbi bl-hena
Tgħinni nħares b'ferħ 'il quddiem
Leopoldu hawn fiċ-Ċentru
Kemm iġġiblna ferħ u sliem.

Inħobbuk għax int tifhimna
B'tumur did-dinja int ħallejt,
Int taf x'inhi dit-tbatija
Il-qiegħ tagħha inti missejt.

Kien għalhekk li l-Knisja mqaddsa
Ħatritek il-qaddis padrun,
Tal-pazjenti għaddejjin illi bħalek
Qegħdin għall-kura minn tumur.

Grazzi minn qalbi int ħija
Tfakkarni wisq f'Ġesù ħanin,
Tħeġġiġni nibqa' mal-morda
Bilfors, jien bħalek Kapuċċin.

Patri Mario Attard OFM Cap
11 ta' Mejju 2023

Ibierkek Alla li jista' kollox fl-Isem tal-Missier, tal-Iben u tal-Ispirtu s-Santu. Amen.